# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum il-5 ta' Decembru, 2017.**

**Rikors Numru 614/2016**

**Dr. Cedric Mifsud ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Wuxi Suntech Power Co. Ltd., li ghandha l-indirizz 17- 6 Changjiang South Road, New District, Wuxi, Jiangsu Province 214028, China**

**vs.**

**Geoff Soulsby detentur ta' Passaport Ingliz bin-numru 094586109 u li ghandu indirizz Calle Gerona 6, 03742, Moraia, Alicante, Spanja**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors datat it-22 ta' Lulju, 2016, li permezz tieghu r-rikorrenti *nomine* sintetikament espona s-segwenti, (ara foll 1):

1.1. Illi b'sentenza tal-Qorti ta' Hamburg fl-ismijiet premessi datata z-19 ta' Settembru, 2012, is-socjeta` rikorrenti kienet kanonizzata kreditrici tal-intimat fis-somma ta' sitt elef, mitejn sebgha u tmenin euro u wiehed u tmenin centezmu (€6,287.81), (ara foll 4);

1.2. Illi l-intimat hu bbazat Spanja u ghandu assi Malta;

1.3. Illi l-Qorti ta' Hamburg irrilaxxat certifikat *ai termini* tal-Anness V tal-Provvediment tal-Unjoni Ewropeja Regolament Nru. 44/2001, (ara foll 22);

1.4. Illi ghalhekk adixxa din il-qorti biex din:

1.4.1. Tiddikjara li s-sentenza tal-Qorti ta' Hamburg taz-19 ta' Settembru, 2012, tigi registrata u rikonoxxuta ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, bhala sentenza lokali;

1.4.2. Tordna li l-istess sentenza tkun ezegwibbli f'Malta *ai termini* tar-Regolamenti (UE) Nr. 44/2001, tat-22 ta' Dicembru, 2000;

2. Rat id-digriet taghha datat l-27 ta' Lulju, 2016, li permezz tieghu appuntat l-istess rikors ghas-smigh ghall-udjenza hemm indikata, (ara foll 26);

3. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti;

4. Sodisfatta li l-precetti procedurali stabbiliti fl-imsemmija Regolamenti tal-Unjoni Ewropeja gew debitament sodisfatti, inkluzi t-troduzzjoni mehtiega;

Ikkunsidrat:

5.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti *nomine* ipprova l-kaz tieghu skont il-ligi u ssodisfa r-regolamenti in dizamina, u konsegwentement:

**DECIDE:**

5.1. Tiddikjara li s-sentenza tal-Qorti ta' Hamburg datata z-19 ta' Settembru, 2012, hi rikonoxxuta bhala sentenza lokali ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi;

5.2. Tordna li l-istess sentenza tigi reza ezegwibbli f'Malta *ai termini* tar-Regolamenti (UE) Numru 44/2001, tat-22 ta' Dicembru, 2000;

5.3. Bl-ispejjez kontra l-intimat;

_________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**